MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Avviz Numru. 269/2013

**J.N.M. Micallef (Ta' Karla) Ltd (C 5004)**

**vs**

**Alan Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' attrici kif ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Settembru 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut jhallasha s-somma ta' sebat elef, hames mija u erbgha u erbghin ewro u sebgha u tletin centezmu (€7,544.37) rapprezentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata li baqghet ma thallsitx.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment u bl-imghax sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013 deher il-konvenut Alan Muscat li ammetta t-talbiet attrici u dan wara li l-Qorti spjegatlu n-natura tal-kawza pendenti fil-konfront tieghu. Il-konvenut stqarr li vermanet huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont mitlub fir-rikors promotur u cioe' fl-ammont ta' sebat elef, hames mija u erbgha u erbghin ewro u sebgha u tletin centezmu (€7,544.37)

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li t-talba attrici hija misthoqqa u ghandha tigi milqugha.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u qieghda tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sebat elef, hames mija u erbgha u erbghin ewro u sebgha u tletin centezmu (€7,544.37) u dan ghar-ragunijeit imsemmija fir-rikors promotur.**

**L-ispejjez ta' din il-kawza u tal-mandat ta' sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur ghandhom jithalsu mill-konvenut.**

**L-imghax fuq is-somma fuq indikata jibda jiddekorri mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------